# MISTOQSIJIET GĦAX-XHIEDA TA’ JEHOVAH LI JRIDU TASSEW JAFU L-VERITÀ

1. Tkun int imkeċċi llum mit-Torri ta’ l-Għassa, jekk int temmen u tgħallem id-dottrini tas-Soċjetà li huma kienu jgħallmu fis-sena 1920? ______ IVA ______ LE.
2. Kien wieħed li kien fis-sena 1920 Xhud ta’ Jehovah jkun imkeċċi li kieku f’dak iż-żmien hu kien jemmen u jgħallem id-dottrint tat-Torri ta’ l-Għassa li huma qegħdin igħallmu llum? ______ IVA ______ LE.
3. Kien Xhud ta’ Jehovah li kien igħix fis-sena 1913 ikun imkeċċi mit-Torri ta’ l-Għassa jekk hu emmen u għallem lis-sena 1914 ma kinetx se tkun il-“battalja tal-jum il-kbir ta’ Alla li Jista’ Kollox” jew Armageddon, kif is-Soċjetà f’dak iż-żmien kienet qed tgħid (*Studies in the Scriptures,* Vol. II, The Time Is At Hand, 1908, pp. 101, 127 u 245)? _______ IVA _______ LE.
4. Kont taf int lit-Torri ta’ l-Għassa darba għallem lis-sena 1874 kienet “id-data *eżatta*” tar-ritorn tal-Mulej ((*Studies in the Scriptures,* Vol. II, The Time Is At Hand, 1908 ed., pp. 170)? ______ IVA ______ LE.
5. Tista’ s-sena 1874 “id-data *eżatta*” tkun mibdula għas-sena 1914? _______ IVA _______ LE.
6. Billi d-dottrini tat-torri ta’ l-Għassa kontinwament qegħdin jiġu mibdula, ma tgħidx int li eluf ta’ Xhieda ta’ Jehovah fil-passat ma kinux tassew “fil-verità,” kif huma jistqarru b’mod kunfidenti, skond it-tagħlim preżenti tat-Torri ta’ l-Għassa? _______IVA _______ LE.
7. Kienu eluf ta’ Xhieda ta’ Jehovah mietu jemmnu u jgħallmu “l-iżbalji” tat-Torri ta’ l-Għassa skond skond it-tagħlim tal-lum tat-Torri ta’ l-Għassa? _______ IVA _______ LE.
8. Ċert INT li dan ma jiġrix lilek ukoll? ________IVA ________ LE.
9. Ċert int li l-144,000 Xhieda ta’ Jehovah “imwielda mill-ġdid” jinsabu tassew fis-Smewwiet, billi huma mietu jemmnu u jgħallmu dottrina falza, skond it-tagħlim preżenti tat-Torri ta’ l-Għassa? ________ IVA ________ LE.
10. Taqbel int mal-fundatur u l-ewwel president tax-Xhieda ta’ Jehovah li qal li jekk wieħed iwarrab fil-ġenb l-istudji ta’ l-Iskrittura u jmur għall-Bibbja biss, “fi żmien ta’ sentejn huwa jmur fid-dlam”

(Watchtower, 9-15-10, p. 298)? ________ IVA ________ LE. (Aqra Salm 119:130).

11. Jekk Russell u presidenti oħra tat-torri ta' l-Għassa ma kinux profeti foloz, kif igħid it-Torri ta' l-Għassa, mela għaliex Dewteronomju 18:21, 22 jiddikjara li huma kienu hekk? _________ JIENA MA NAFX ________ HUMA KIENU PROFETI FOLOZ.

12. Ġesù għallem f'Mattew 7:17, "Kull siġra tajba tagħmel frott tajjeb, iżda siġra mħassra tagħmel frott ħażin." Il-fatt huwa bħallikieku qiegħed tgħid li kull profeta veru jipproduċi profeziji veri u kull profeta falz jipproduċi profeziji foloz. Taqbel int ma' dan? _______ IVA _______ LE.

13. Kont taf int lit-Torri ta' l-Għassa jistqarr li għandu l-abbiltà "biex jiddikjara ħwejjeġ li għandhom jiġu" (Watchtower, 4-1-72, p. 197)? ________ IVA ________ LE.

14. Jekk it-talba tat-Torri ta' l-Għassa dwar dan hija tassew, qatt huma jkollhom jammettu għal xi waħda mill-profeziji foloz tagħhom (jew "żbalji" kif imsejħa minn xi wħud minnhom) jew saħansitra jippruvaw jaħbuhom kif huma għamlu minn dejjem?_______ IVA _______ LE.

15. Qatt Isaija, Eżekjel, Ġeremija, Danjel jew xi profeta veru ieħor kellhom jammettu għal xi profezija falza tagħhom jew ghal xi żball minn tagħhom? ________ IVA ________ LE.

16. Kont taf int li ma hemmx Skrittura waħda biss li tinsab xi mkien fil-Bibbja kollha li teżonora (li teħles) lil xi ħadd li jagħmel profezija falza milli jkun profeta falz, jekk huwa jammetti l-profezija falza tiegħu (jew "żball" kif imsejħa minn xi wħud minnhom)? _______ IVA _______ LE.

17. **Nikkwota:** "True, there have been those in times past who predicted an 'end to the world,' even announcing a specific date …. Yet, nothing happened. The 'end' did not come. They were guilty of false prophesying. Why? What was missing? … Missing from such people were God's truths and the evidence that he was guiding and using them" (Awake, 10-8-68, p. 23) ________ VERU ________ FALZ.

    Bil-Malti: "Tassew, kien hemm dawk fi żminijiet li għaddew li bassru 'tmiem għad-dinja,' saħansitra ħabbru data speċifika …. Madankollu, xejn ma ġara. It-'tmiem' ma ġiex. Huma kienu ħatja ta'

profetizzar falz. Għaliex? X'kien nieqes? … Nieqes minn nies bħal dawn kienu l-veritajiet ta' Alla u x-xhieda li hu kien qiegħed jiggwidahom u jużahom" (Awake, 10-8-68, p. 23) ________ VERU _______ FALZ.

18. Għaliex tat-Torri ta' l-Għassa ma jużawx il-ftit ta' informazzjoni li rajna f'numru 17 fuqhom infushom? ________ TAT-TORRI TA' L-GĦASSA HEKK JAGĦMLU ________ TAT-TORRI TA' L-GĦASSA GĦANDHOM KRITERJI DOPPJI.

19. Kont taf int li Proverbji 4:18 m'għandu x'jaqsam xejn mal-profeziji? _______ IVA _______ LE.

20. Qatt il-Bibbja turi eżempju ta' profeta veru jiddependi fuq Proverbji 4:18 biex jaħrab milli jkun immarkat bħala "profeta falz"? _______ IVA _______ LE.

21. Profeti foloz jagħmlu profeziji foloz. Taqbel int ma' dan? _______ IVA _______ LE.

22. Tidentifika x-xhieda lil Sedekija bħala profeta veru (2 Kronaki 18, speċjalment vers 10)? _______ IVA _______ LE.

23. Tidentifika x-xhieda lil Mikaja bħala profeta veru (2 Kronaki 18, speċjalment vers 27)? ________ IVA _______ LE.

24. Kienu jistqarru Sedekija u Mikaja t-tnejn li huma lissnu l-kelma ta' Alla? _______ IVA _______ LE.

25. Jirrivela ż-żmien il-profeta falz? _______ IVA _______ LE.

26. Tidentifika x-xhieda ta' Ħananija bħala profeta veru (Ġeremija 28:2-4)? ________ IVA ________ LE.

27. Ikkontradixxa hu l-profezija f'Ġeremija 25:11? _______ IVA _______ LE.

28. Juri Ġeremija 28:9 xebħ bejn il-ħafna tbassir falz tat-Torri ta' l-Għassa dwar 1,000 sena ta' paċi jiġu wara Armageddon li kienu maħsuba li kellhom jiġru fl-1918, imbagħad fl-1925, imba-għad fl-1941 u mbagħad fl-1975? ________ IVA _______ LE.

29. Skond għal l-1 Ġwanni 5:12, 13, żewġ kategoriji biss ta' nies, passat u preżent, jeżistu. Liema kategorija int qiegħed fiha? _______ JIENA GĦANDI LIL ĠESÙ ________ JIEN M'GĦANDIX LIL ĠESÙ ________.

30. Jekk int tassew tinsab fl-ewwel grupp, taf int li int għandek (temp preżent) il-ħajja ta' dejjem issa, skond għal l-1 Ġwanni 5:12, 13? ________ IVA _______ LE.

31. Waqt li ċertament hu tassew li aħna "nibqgħu sħaħ sat-tmiem biex inkunu salvi," "inżommu sħiħa sa l-aħħar il-fiduċja li kellna fil-bidu," u nibqgħu "fidili" sal-mewt biex nevitaw milli nkunu mix-ħutin fl-għadira tan-nar (Mattew 10:22; Lhud 3:14; Rivelazzjoni 2:10, 11), aħna xorta nistgħu nkunu nafu li aħna salvi fil-preżent kif huma kienu jafu fil-Kristjaneżmu ta' l-ewwel seklu, jekk aħna qegħdin b'mod kurrenti npoġġu fil-prattika l-Kelma ta' Alla (Luqa 8:21). _______ VERU _______ FALZ.

32. Kienu l-Kristjani tal-bidu jafu li huma kellhom salvazzjoni fit-temp preżent (Efesin 2:8, 9; Titu 3:5; 2 Timotju 1:9; Rumani 5:1)? _______ IVA _______ LE.

33. Mort int għand Ġesù fit-talb għall-ħajja ta' dejjem, kif jirrikmanda Ġwanni 5:40? _______ IVA _______ LE.

34. Il-Bibbja tgħallem li aħna nistgħu morru permezz ta' Ġesù għand il-Missier, imma l-Bibbja tgħallem ukoll li aħna nistgħu morru wkoll għand Ġesù fit-talb, jiġifieri, nitolbu lil Ġesù kif għamel Stiefnu (Atti 7:59)? _______ IVA _______ LE.

35. F'Atti 10:34-43, aħna naqraw li l-priedka ta' l-Appostlu Pietru ġabet salvazzjoni instantanja lin-nies li "rċevew il-kelma ta' Alla" (Atti 11:1). Kemm kellhom jieħdu Kornelju u oħrajn "għarfien eżatt" biex isiru Kristjani? _______ ĦAFNA _______ MHUX ĦAFNA.

36. Kellhom huma joqgħodu għal studju ta' sitt xhur tal-ktieb, im-bagħad jissieħbu organizzazzjoni qabel ma huma kienu "salvi" _______ IVA _______ LE.

37. Qatt int innutajt li l-kelma "jafu" (jagħrfu) fi Ġwanni 17:3 mhix qed tirreferi għal għarfien intellettwali, imma minflok għal relazzjoni personali? (Qabbilha ma' Mattew 7:23) _______ IVA _______ LE.

38. Kemm kien hem żmien wara l-priedka qasira ta' Pietru qabel ma' huma kkwalifikaw għall-magħmudija Kristjana ta' l-ilma (Atti 10:43-48)? _________ IMMEDJATAMENT _________ WARA STUDJU SISTEMATIKU TA' L-ISKRITTURA.

39. Meta Pawlu u Sila kienu mistoqsija, "Sinjuri, x'għandi nagħmel biex insalva?" (Atti 16:30), għaliex huma ma nfurmawx lil l-għas-sies injorant u li ma kienx jemmen li hu jkollu joqgħod għal studju

mtawwal u jissieħeb l-organizzazzjoni tagħhom qabel ma hu jkun qatt jista' jkollu t-tama (mhux ċertezza) ta' salvazzjoni fit-temp preżent? ________ HUMA WIEĠBU F'DAK IL-MOD ________ GĦALIEX IS-SALVAZZJONI TIĠI INSTANTANJAMENT META AĦNA NTAWWLU FIDI TA' FIDUĊJA U SOTTOMISSJONI F'ĠESÙ KRISTU.

40. Qalu Pawlu u Sila lil l-għassies li hu kellu "jemmen" fil-Missier jew fl-Iben biex isalva (Atti 16:31)? ________ FIL-MISSIER ________ FL-IBEN.

41. Għaliex huma wieġbu li, salvazzjoni instantanja tiġi, jekk l-għassies jilqa' l-kondizzjonijiet, billi s-Soċjetà tat-Torri ta' l-Għassa ma tgħallimx dan il-mod? ________ PAWLU U SILA KIENU ŻBALJATI ________ IT-TORRI TA' L-GĦASSA HUWA PROFETA FALZ. (Ara l-ħtiġijiet għas-salvazzjoni tas-Soċjetà tat-Torri ta' l-Għassa, kif jintqalu fil-Watchtower, 2-15-83, pp. 12, 13.)

42. Għandek int tibqa' leali għal organizzazzjoni kuntrarja għall-Bibbja dwar is-salvazzjoni (u ħafna ħwejjeġ oħra) u li hija profeta mfissra mill-Bibbja bħala falz li jipprova jaħbi l-identità reali tiegħu? ________ IVA ________ LE.

43. Sejjer int tipprova biex tinsa dwar dawn l-inkonsistenzi, qerq, profeziji foloz, stqarrijiet foloz u ereziji li jġibu kundanna tat-Torri ta' l-Għassa u tibqa' f'dik l-organizzazzjoni? ________ IVA ________ LE.

44. Lest int li taqra biss it-Testment il-Ġdid għalik innifsek u ebda letteratura oħra miegħu biex issib il-verità reali, kif din kienet mgħallma minn Ġesù u l-appostli Tiegħu? ________ IVA ________ LE.

45. Jekk int kont żbaljat, lest int li tibdel? ________ IVA ________ LE.

Jekk m'intix lest li tħalli dik l-organizzazzjoni, li mhux faċli li teħles mill-irbit tagħha, mela isma' x'tgħidlek il-Kelma ta' Alla dawr id-deċiżjoni tiegħek:

> "*Tħallu 'l ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ: għax min-ħabba dawn il-ħwejjeġ jiġi l-għadab t'Alla fuq ulied id-diżubbidjenza*" (Efesin 5:6).